MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.
MALLIA MICHAEL LL.D.**

Seduta ta' 21 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 445/2002

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Banju Boutique Limited sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Banju Boutique Limited**

**vs**

**Antonio Camilleri**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta’ l-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elf, hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1,525.23) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta’ periti nominandi, rapprezentanti Lm25 *excess* imhallas mill-attrici Banju Boutique Limited u r-rimanenti Lm1,500.23 bilanc tad-danni li ghamlet tajjeb ghalihom is-socjeta’ attrici wara l-incident awtomobilistiku tas-27 ta’ Marzu, 2000, fi Triq il-Mina ta’ Hompesch, Zabbar, bejn il-vettura

numru KBA 105 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru BBL 222 misjuqa minn David Zammit u proprjeta’ ta’ l-assikurata Banju Boutique Limited, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi ncident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-11 ta’ Settembru, 2000, u ta’ l-ittra legali tas-17 ta’ Jannar, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-15 ta’ Ottubru, 2002, meta gew pprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici  bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg.